ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

## Minuti tal-420 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 28 t'Awwissu, 2013

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Quinton Scerri ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Mark Grech.

Is-Sur Brian Spiteri kien skużat.

Item 2 – Festa f'Ħaż-Żabbar

Is-Sindku tkellem dwar il-preparamenti għall-festa u qal illi kemm ir-residenti kif ukoll il-każini ser ikunu qed jiġu nfurmati dwar il-ġbir tal-iskart matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku qal ukoll illi kienu saru diskussjonijiet dwar it-tindif li ser isir mill-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku kif ukoll il-kuntrattur għal knis u qtugħ ta' ħaxix sabiex jiġi assigurat illi matul iċ-ċelebrazzjonijiet ikun hemm indafa fit-toroq tal-lokalita`.

Is-Sur Bonnici qal li kien iltaqa' mal-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku u sar qbil dwar il-ħinijiet tal-ġbir matul il-ġranet tal-festa. Is-Sur Bonnici qal ukoll li l-kumpanija GreenPak din is-sena mhux ser iġib il-kontenitur għall-ġbir ta' flixkien tal-ħġieġ u dan peress illi fis-snin li għaddew dawn kienu qed ikunu ta' periklu minħabba l-fatt illi l-kontenituri tal-ħġieġ kienu qed jinħarġu barra fit-toroq

Is-Sur Bonnici ppropona li jkun hemm sittax-il *mobile toilet* li ser jinkrew u ser jitpoġġew f'postijiet differenti f'Ħaż-Żabbar. L-ispiża għal dawn il-*mobile toilets* ser tkun ta' €1,062. Is-Sur Buttigieg issekonda lis-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Is-Sindku qal li kien tkellem mal-*Cleansing Services Department* biex mit-Tnejn sal-Ġimgħa tal-festa jinħaslu Misraħ is-Sliem u Misraħ San Ġakbu u mit-Tlieta sal-Ħadd

tinħasel Triq is-Santwarju kif ukoll Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li dan is-servizz ser jingħata mingħajr ħlas.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament illi Triq ix-Xgħajra sa Triq iċ-Ċimiterju jinħasel nhar Sibt il-festa filgħaxija u għal dan is-servizz il-Kunsill iħallas liema spiża għandha tammonta għal madwar €86.25.

Is-Sindku imbagħad tkellem dwar il-pjanti li tħejjew biex jiġu allokati posti għat-tqegħid ta' kjosks u posti lill-bejjiegħa. Dwar il-bejjiegħa tal-ġelati li jarmaw fil-venda ta' Triq is-Sanwtarju u l-imwejjed li jiġu armati f'din l-istess pjazza, is-Sindku qal li jrid jinstab kompromess biex ma jkunx hemm ingombru jew inkonvenjent għall-pubbliku.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jitkellem kemm mal-bejjiegħa tal-ġelat u jekk hemm bżonn mal-Pulizija sabiex jiġi assigurat li ma jkunx hemm problemi.

Fis-6.35 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Bonnici qal li ser ikun hawn 49 spazju fejn ser jiġu allokati l-kjosks u l-posti. Is-Sindku qal li ser jitressqu xi gabbani minn quddiem ir-residenzi ta' Triq tal-Labour u Triq is-Santwarju u dawn jiġu spustjati fejn m'hemmx nies. Barra minn hekk ser isir aktar infurzar dwar l-użu ta' *generators*. Is-Sindku qal li ser tittella l-polza għall-applikanti. Is-Sur Bonnici qal li minn mhux ser ikollu post jew ma jaċċettax il-post ser ikollu dritt ma japplikax.

Dwar it-tindif fiż-żona fejn ser jiġu armati l-gabbani, s-Sindku qal li l-bejjiegħa ser ikunu ordnati jieħdu ħsieb li l-post jinżamm nadif.

Dwar ir-riċeviment tal-festa li ser isir nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Settembru, 2013 fis-7.30 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Ċiviku, il-Kunsill fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sindku qabel unanimament li l-ikel kemm għal dan ir-riċeviment kif ukoll għal bibita li ser issir għad-delegazzjoni Ġermaniża li ser tkun qed iżuru Ħaż-Żabbar il-Ħadd, 15 ta' Settembru, 2013 wara nofsinhar jiġi ordnat mingħand St Catherine's Bakery, liema spiża m'għandiex teċċedi l-ammont ta' €1,000 għaż-żewġ attivitajiet.

Għar-riċeviment tal-festa il-Kunsill qabel li għandhom jiġu mistiedna l-għaqdiet lokali u l-*action teams*, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Membri Parlamentari, Reġjun Xlokk u Ex-Kunsillieri.

Is-Sur Marc Vella Bonnici informa lill-Kunsilliera dwar iż-żjara tad-delegazzjoni Ġermaniża u l-grupp ta' Ġermaniżi li ser iżuru Ħaż-Żabbar għal żmien il-festa. Is-Sur Vella Bonnici qal li kopja tal-programm uffiċjali ser jintbgħat lil kull Kunsillier u kull min fost il-Kunsillieri jrid jakkumpanja lid-delegazzjoni hu mitlub jagħmel kuntatt miegħu jew mas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur John J. Pace ppropona li jsiru kompetizzjonijiet għall-aħjar gallarija, tieqa/persjana u faċċata ta' dar imżejjna kif ukoll kompetizzjoni għall-aħjar letteratura relatata mal-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Pace u l-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn il-kompetizzjonijiet u jingħataw tifkira ta' parteċipazzjoni lil dawk kollha li jieħdu sehem kif ukoll jiġu ppremjati dawk li jiġu fl-ewwel tliet postijiet f'kull kategorija.

Is-Sur Joe Bonnici ppropona li jsiru *floodlights* f'Misraħ San Ġakbu, Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u f'Misraħ is-Sliem għal ġranet tal-festa biex ikun hemm dawl adekwat speċjalment matul il-purċissjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda lis-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li jsir dan id-dawl temporanju għal żmien il-festa.

Is-Sindku ppropona li jitqassam *flyer* u jintbgħat f'kull dar f'Ħaż-Żabbar. F'dan il-*flyer* filwaqt li l-Kunsill jawgura l-festa t-tajba jinforma lir-residenti dwar ix-xogħol li sar u qed isir mill-Kunsill. Is-Sur Grech talab li qabel jintbgħat lill-pubbliku abbozz ta' dan il-*leaflet* jintbgħat email lil kull Kunsillier. Is-Sinjura Calleja issekondat lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Is-Sindku semma suġġeriment li sarlu mill-Kunsillier Brian Spiteri biex fl-okkażjoni tal-festa isir korteo bejn iż-żewġ każini tal-baned fuq inizjattiva tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li dan il-korteo isir u għalih il-Kunsill iħallas mhux aktar minn €500. Is-Sur Pace issekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament dan il-marċ issir jekk ma tinqabiżx l-ammont li l-Kunsill jista' jagħti f'servizzi lill-każini tal-baned.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-421 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 9 ta' Ottubru, 2013.

Quinton Scerri
Sindku